9 ta' Marzu, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

A.I.C. Giuseppe Barbara et. (*) *versus* Carmelo Mallia ne.

**"War Damage Commission"—Kwistjoni ta' Dritt—Appell**

*Il-"War Damage Commission" hija korp kważi-ġudizzjali, li jagħti deċiżjonijiet, bħala regola, finali; iżda meta taqta' kwistjonijiet ta' punt ta' liġi, id-deċiżjoni tagħha fuq dik il-kwistjoni hija appellabbli; u għalhekk hu loġiku u naturali illi d-deċiżjonijiet ta'*

*dik il-Kummissjoni għandhom ikunu motivati b'mod intelliġibbli u formali, sabiex wieħed jista' jara jekk ikunx ġie deċiż esplicitament, jew almenu implicitament, xi punt ta' liġi li jagħti lok għall-appell.*

*Il-kwistjoni jekk, meta jkunu saru u tħallsu xi xogħlijiet qabel it-tiswija u rikostruzzjoni ġenerali ta' fond biex għall-mument tiġi rimedjata b'xi mod il-ħsara, hemmx lok għal ħlas mill-ġdid meta ssir ir-rikostruzzjoni u tiswija ġenerali tal-fond u dawk ix-xogħolijiet ikollhom bżonn jiġu ripetuti, hija kwistjoni ta' dritt, u mhux ta' fatt. U għalhekk minn deċiżjoni fuq punt simili hemm dritt għall-appell.*

Il-Qorti—Rat ir-rikors tal-A.I.C. Giuseppe Barbara u Emmanuele Barbara, li esponew li huma l-proprjetarji tal-fondi numri 81 u 82 Fishermen Street, u numru 1 Timber Wharf, Marsa, li kienu milquta mill-għadu, u saru fuqhom il-"claims" numri 13259 u 13260 u 13270/1696 tas-sena 1943; u illi l-Kummissjoni, b'ittri tagħha tal-25 u 27 ta' April 1955, assessjat l-ammonti dovuti rispettivament għall-'claims' fuq imsemmija fis-somma ta' £368, £316, u £1,320, u naqqset l-ammonti hawn taħt imsemmija bi ksur tad-dispożizzjoni 19 u 23 (a) tal-War Damage Act (recte Ordinance); naqqset, ċjoè, mill-ewwel "claim" £24. 6. 4d. oltre "professional fees", mit-tieni naqqset £8. 12. 5d. oltre dritti professjonali, u mit-tielet "claim" naqqset £359. 12. 5d. oltre dritti professjonali; u li fil-bidu dawn il-fondi kienu fil-"white area", ċjoe' ma setgħux jiġu rikostruwiti kompletament, iżda iżjed tard, wara snin, ċjoè fl-1949, ġiet dik l-area "released" għar-rikostruzzjoni; fl-intervall, ċioè versu l-1944, il-proprjetarju, allura l-Anglo-Maltese Bank, kien fuq il-ħitan "shattered" li kien hemm għamel xi xogħlijiet temporanei ta' xoroq u injam, biex il-fondi baqgħu utilizzati minn min kien qiegħed jokkupahom b'dan il-mod; u illi l-Kummissjoni rriteniet, fil-fissazzjoni tal-"permissible amount", li ma għandhiex tagħti l-ħlas tal-"cost of works"

(*) Deċiża fil-meritu b'sentenza tat-8 ta' Ottubru, 1956 (publikata).

meħtieġa biex ix-xogħol temporanju li sar fl-1944 jinqala' u jsir kif għandu jsir, billi jerġa' jitqiegħed fir-rikostruzzjoni permanenti. Infatti il-ħitan ta' taħt dawn ix-xoroq ġew kollha "awarded" bħala li għandhom jaqgħu u jerġgħu jiġu rikostruwiti. Biex dana jista' jsir, bil-fors li jridu jinqalgħu x-xoroq, it-travi, u l-aperturi tal-injam, u jerġgħu jitqiegħedu, u hekk ukoll id-dekorazzjoni tal-istess ħitan u aperturi trid terġa ssir, ladarba sejrin jinħattu u jerġgħu jitilgħu;

Issa, skond is-section 19 (2) (a), "if the war damage is made good by reinstating the developed tenement in the form in which it existed immediately before the occurrence of the damage, the amount of the payment shall be an amount equal to the proper cost of the works executed for the making good thereof". U anki f'każ li jsiru alterazzjonijiet permessi fl-istess section 19 (2) (b), il-ħlas ikun dak l-istess "proper cost of works as falls within the permissible amount". U l-liġi, fis-subsection (3) tal-istess artikolu tiddefinixxi x'inhu l-"proper cost of works";

U illi s-section 23 (a) juri li, meta jitħallas il-"cost of works", ma' dan għandu wkoll jiżdied il-"proper cost of any works reasonably executed for temporarily meeting the circumstances created by the damage"; u dana l-ammont għandu jiżdied miegħu wkoll dak meħtieġ biex ir-rikostruzzjoni ssir b'mod "permanently"; u li għalhekk il-Kummissjoni kisret il-liġi meta ċaħdet l-"assessment" tat-tliet sommom fuq indikati;

U talbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li l-"assessment" fuq imsemmi sar bi ksur tal-War Damage Act, u għalhekk jogħġobha tikkundanna lill-War Damage Commission li żżid it-tliet sommom fuq imsemmija ma' l-ammonti likwidati favur tagħhom bit-tliet "assessments" fuq imsemmija; u hekk talbu li tiġi amministrata ġustizzja;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li l-War Damage Commission hija korp kważi-ġudizzjarju, li jagħti deċiżjonijiet, bħala regola, finali; iżda meta jaqta' kwistjoni ta' punt ta'

liġi, fuq dik il-kwistjoni d-deċiżjoni tkun appellabbli quddiem dil-Qorti. Huwa għalhekk loġiku u naturali li dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu motivati b'mod intelliġibbli u formali, sabiex wieħed ikun jista' jara jekk fihom ġiex deċiż esplicitament, jew almenu implicitament, xi punt ta' liġi li jagħti lok għall-appell. Il-motivazzjoni li jista' wieħed jirrikava mill-ftit notamenti maħżużin bil-linka ħamra fuq l-iskeda tax-xogħlijiet kemm kemm tista' tiġi kunsidrata bħala tissodisfa dawn ir-rekwiżiti;

Fil-każ preżenti, safejn il-Qorti setgħet tara minn dawk il-ftit notamenti, il-partiti kontestati ġew esklużi mill-Kummissjoni għax kienu diġa' ġew inklużi f'kontijiet mħallsa lis-sid preċedenti tal-maħżen. Raġuni oħra mill-ittra u minn notamenti tal-Kummissjoni ma tirriżultax. B'dana kollu, ingħad f'dil-kawża li l-Kummissjoni rruftat li tħallas għax ikkunsidrat li, meta ħallset l-ewwel darba lis-sid preċedenti, ikkunsidrat dawk ix-xogħlijiet bħala ta' natura permanenti, u mhux temporanei. Għandu hawn jingħad li dina r-raġuni ma tirriżultax mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni; għax la tissemma fl-ittri u lanqas fin-notamenti li suppost iservu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni, jew almenu ta' speċi ta' indikazzjoni tal-ħsieb tal-Kummissjoni;

Fil-fatti ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet fuq il-fatt li s-sid preċedenti tħallas mill-Kummissjoni tal-istess kwalità ta' xogħlijiet li fuqhom huwa l-appell. Iżda r-rikorrenti jippretendu li darba, minħabba r-rikostruzzjoni ġenerali ammessa mill-Kummissjoni, li kienet tikkomprendi r-rikostruzzjoni tal-ħitan tal-maħżen, kienet bilfors rikjesta r-ripetizzjoni tax-xogħlijiet in kwistjoni, huma kellhom id-dritt li jitħallsu mill-ġdid ta' dawk ix-xogħoljiet, għalkemm kien sar il-ħlas lis-sid preċedenti talli dan, biex jirrimedja għas-sitwazzjoni ta' żmienu, kien għamel dawk iċ-ċerti tiswijiet fil-maħżen. Dana d-dritt ġie kontestat mill-Kummissjoni. Għalhekk il-kwistjoni li tifforma l-bażi tal-appell preżenti hija jekk, meta jkunu saru u tħallsu xogħlijiet qabel it-tiswija u rikostruzzjoni ġenerali ta' fond, biex għall-mument tiġi rimedjata b'xi mod il-ħsara, hemmx lok ta' ħlas mill-ġdid meta fir-rikostruzzjoni u tiswija ġenerali tal-fond dawk

ix-xogħolijiet ikollhom bżonn jiġu ripetuti. Dana huwa punt ta' dritt, u mhux ta' fatt; u għalhekk hemm dritt għall-appell;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, bl-ispejjeż kontra l-appellat; u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu.